26 ta' Ġunju, 1954

Imħallef :
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Neriku Azzopardi

**Korruzzjoni kontra l-Liġi Elettorali — Personifikazzjoni ta' Elettur — Appell — Art. 63, subart. (1), inċiż (a) u (f) tal-Kap. 163**

*Fost il-każi fejn il-liġi tagħti lill-Attorney General appell minn sentenzi tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, hemm dak fejn is-sentenza appellata jkun fiha enunċjazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi.*

*Meta l-Maġistrat jikkunsidra r-reat ta' min, b'qerq, iqiegħed f'kaxxa tal-votazzjoni polza tal-votazzjoni f'isem persuna oħra, li ma kienetx polza tal-votazzjoni li kien awtorizzat bil-liġi li jitfa ġewwa dik il-kaxxa, u jikkunsidra dan ir-reat taħt l-inċiż (f) tas-subartikolu (1) ta' l-art. 63 tal-Liġi Elettorali, u jgħid li għal dak ir-reat hija meħtieġa l-falsifikazzjoni u x-xjenza tal-falsifikazzjoni, allura hemm enunċjazzjoni ta' l-ipotesi tal-liġi, li, jekk skorretta, tagħti lok għall-appell lill-Prosekuzzjoni. Imma jekk il-Maġistrat, bi żball, minflok li jikkunsidra dak ir-reat hekk dedott u kontemplat mill-imsemmi inċiż (f), jikkunsidra reat ieħor mhux dedott, u msemmi f'inċiż ieħor ta' l-istess subartikolu, ma jistax jingħad li hemm enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi għar-reat taħt l-inċiż (f); għax il-Maġistrat ma jkunx semma dak ir-reat, imma jkun mar fuq reat ieħor. Veroldiri, illi fuq ir-reat dedott kontra l-imputat ma hemmx ebda enunċjazzjoni ta' l-ipotesi tal-liġi, la korretta u lanqas skorretta, għax dak ir-reat ma ssemmiex, u dik l-enunċjazzjoni hija ta' reat ieħor. Konsegwentement l-appell ta' l-Attorney General, bbala bażat fuq enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi, ma hux ammissibbli.*

*Jekk dak li ġara, li sostanzjalment jammonta għal ommissjoni ta' deċiżjoni fuq reat dedott, iġibx nullità "pro tanto", u jekk din hijiex nullità li tagħti lok għall-appell mill-Attorney General, jew inkella jekk l-irregolarità hijiex tali li jista' jiġi eżerċitat xi rimedju ieħor rettifikatorju, dawn huma kwistjonijiet li ma jidħlux fil-merito ta' l-appell magħmul f'każ simili mill-Attorney General.*

Il-Qorti; — Rat l-att tar-rikors ta' l-Attorney General tas-7 ta' April, 1954, ta' l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tiddeċidi fuq l-imputazzjoni talli l-imsemmi Azzopardi, f'Ħaż-Żabbar, fit-13 ta' Diċembru, 1953, waqt il-votazzjoni għall-elezzjoni ta' Membri ta' l-Assemblea Leġislativa, (a) ikkommetta att ta' korruzzjoni kontra l-Liġi Elettorali dwar il-Votazzjoni, jiġifieri personifikazzjoni ta' elettur, billi fil-post tal-votazzjoni numru 43 talab polza ta' votazzjoni f'isem Salvatore Buhagiar, (b) kien fil-pussess illeġittimu ta' avviż lill-

eletturi f'isem l-imsemmi Salvatore Buhagiar, (c) kien fil-pussess *illegittimu ta' polza ta' votazzjoni f'isem l-imsemmi* Salvatore Buhagiar, u (d) b'qerq qiegħed f'kaxxa tal-votazzjoni l-imsemmija polza ta' votazzjoni f'isem Salvatore Buhagiar, li ma kienetx polza tal-votazzjoni li kien awtorizzat bil-liġi li jitfa' ġewwa kaxxa tal-votazzjoni;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmijin;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Mejju, 1954, li biha dik il-Qorti sabet lill-imputat ħati, (1) taili fl-aħħar elezzjoni *ta' l-Assemblea Leġislativa, fit-13 ta' Diċembru, 1953,* talab polza tal-votazzjoni taħt l-isem ta' Salvatore Buhagiar, u b'hekk irrenda ruħu ħati ta' reat ta' personifikazzjoni, (2) kien fil-pussess illeġittimu ta' avviż lill-eletturi u ta' polza tal-votazzjoni, u kkundannatu fuq l-ewwel kap £30 multa u interdizzjoni ta' sebgħa snin, komminata fl-istess artikolu, u fuq it-tieni kap £12 multa, u lliberatu fuq it-tielet kap dwar falsifikazzjoni jew konsenja ta' formola ta' nomina, li kien jaf li hija falsifikata, lill-kummissjunarji, billi ma rriżultatx:

*Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella kontra dik il-parti tas-sentenza li biha l-imputat ġie assolt minn dak li fis-sentenza jissejjaħ it-tielet kap, u talab li l-imputat jiġi misjub ħati tar-reat kontemplat fl-art. 63(1)(f) tal-Kap. 163, u kkundannat għall-piena xierqa skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-appell minn sentenzi tal-Maġistrat bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hu konċess lill-Attorney General f'ċerti każijiet biss. Fosthom hemm dak li fih is-sentenza appellata tkun enunċjat ħażin l-elementi tar-reat. Fil-każ preżenti l-Attorney General qiegħed jappella għal din l-aħħar raġuni, ċjoè minħabba enunċjazzjoni skorretta tal-ipotesi tal-liġi;

Issa, kieku l-Maġistrat, meta kkunsidra r-reat taħt l-inċiż (f) fuq imsemmi tal-Kap. 163, qal li "għal dak ir-reat" hija meħtieġa l-falsifikazzjoni u x-xjenza tal-falsifikazzjoni, allura kien ikun hemm enunċjazzjoni ta' l-ipotesi tal-liġi li, jekk skorretta, kienet tagħti lok għall-appell mill-parti tal-*Prosekuzzjoni*. Imma dak li ġara ma hux affattu dan. Ġara,

invece, li l-Maġistrat, minflok ma kkunsidra r-reat dedott, u msemmi fl-inċiż (f) ta' l-art. 63 tal-Kap. 168, ikkunsidra, bi żball, ir-reat mhux dedott, u msemmi fl-inċiż (a) ta' dak is-subartikolu. Issa, apparti li għal "dan" ir-reat ta' l-aħħar l-enunċjazzjoni ta' l-ipotesi tal-liġi hi korretta, l-importanti hu li ma jistax jingħad li hemm enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi "għar-reat taht l-inċiż (f)", għas-sempliċi raġuni li l-Maġistrat ma semmiex dan ir-reat, imma mar fuq reat ieħor; vwoldiri li fuq ir-reat dedott kontra l-imputat ma hemmx ebda enunċjazzjoni ta' l-ipotesi tal-liġi, la korretta u lanqas skorretta, għax dak ir-reat ma ssemmiex, u dik l-enunċjazzjoni hi ta' reat ieħor;

Minn dan jiġi li ċert li l-appell mill-parti ta' l-Attorney General ma hux ammissibbli minħabba enunċjazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi; u din hi l-unika raġuni li fuqha nġieb l-appell. Vwoldiri, l-Attorney General ma pprospettax fir-rikors tiegħu xi raġuni oħra ta' ammissibilità ta' l-appell mill-parti tiegħu;

Jekk dak li ġara, li s-sentenzjalment jammonta għal ommessa deċiżjoni fuq wieħed mir-reati dedotti, iġibx nullità "pro tanto", u jekk din hijiex nullità li tagħti lok għall-appell mill-Attorney General, jew inkella jekk l-irregolarità hijiex tali li jista' jiġi eżerċitat xi rimedju ieħor rattifikatorju, dawn huma kwistjonijiet li ma jidħlux fil-meritu devolut lil din il-Qorti, li għandha tara biss, f'dan l-istadju, jekk il-motiv ta' ammissibilità dedott fir-rikors, ċjoè enunċjazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi, jirrikorrix jew le. F'dan il-każ ma jirrikorrix, għax ma hemmx ebda enunċjazzjoni ta' l-ipotesi tal-liġi relativament għar-reat dedott, u kwindi l-appell ma hux ammissibbli fuq dak il-motiv; u bħala tali, din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġieh.